

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel (Riformulazzjoni)**

COM(2008) 154 — 2008/0060 (COD)

(2008/C 224/20)

Nhar it-8 ta' April 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel (Riformulazzjoni)*

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-opinjonijiet tiegħu CES 522/84, adottata fit-23 ta' Mejju 1984 (\*), CES 633/92, adottata fis-26 ta' Mejju 1992 (\*\*), CES 230/94, adottata fit-23 ta' Frar 1994 (\*\*\*), CES 1385/96, adottata fis-27 ta' Novembru 1996 (\*\*\*\*) u CESE 1599/2003, adottata fl-10 ta' Diċembru 2003 (\*\*\*\*\*), iddeċieda, matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), b'85 vot favur u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, Com(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Dimitris DIMITRIADIS

(\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 206 tas-6.8.1984, p. 7 (mhux disponibbli bil-Malti)

(\*\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda għall-ewwel darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 223 tal-31.8.1992, p. 23 (mhux disponibbli bil-Malti)

(\*\*\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tieni darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 133 tas-16.5.1994, p. 21 (mhux disponibbli bil-Malti)

(\*\*\*\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tielet darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 66 tat-3.3.1997, p. 3 (mhux disponibbli bil-Malti)

(\*\*\*\*\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 80 tas-30.3.2004, p. 45 (mhux disponibbli bil-Malti)